# RULING MOGĦTI MID-DEPUTY SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 306 TAD-19 TA' OTTUBRU 2005

Dwar il-point of order imqajjem mill-Onor Charles Mangion fis-seduta tal-bieraħ 18 ta' Ottubru, 2005 rigward interpellanza partikolari li l-istess Onor Membru għamel lil diversi Ministri tal-Gvern fuq:

"Kemm tħallsu flus f'hospitality f'ristoranti/lukandi bejn Jannar 2004 u Settembru 2005? Kemm minn dawn kienu jaqbżu l-Lm150? Min kienu l-persuni li għalihom tħallsu dawn l-ikliet/riċevimenti, u x'kienet ir-raġuni?".

Is-Sedja rrikorriet għar-rulings preċedenti u tasal għall-konklużjoni illi m'għandhiex poter li tintervjeni fejn jidħlu risposti mogħtija mill-Ministri għal interpellanzi li jsirulhom, ħlief jekk id-diskors użat ma jkunx parlamentari skond l-Ordnijiet Permanenti.

Madankollu, is-Sedja tħoss li fid-dawl ta' l-Ordni Permanenti Nru 26, għandha tirrakkomanda lill-Ministri u lis-Segretarji Parlamentari sabiex jagħmlu ħilithom u jagħtu tweġibiet opportuni għall-mistoqsijiet li jolqtu ħwejjeġ pubbliċi, primarjament finanzi pubbliċi, u għalhekk, fl-isfond u fil-parametri ta' l-iskambju li sar fil-Kamra fis-Seduta Nru 305 bejn l-Onor Mangion u l-Onor Prim Ministru, is-Sedja tordna lill-Iskrivan tal-Kamra biex jara li l-interpellanza ta' l-Onor Mangion terġa' ssir lil dawk il-Ministri li ma tawx tweġiba dwar in-nefqa pubblika.